MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 883/2008

**Dr Michelle Tabone (I.D. nru. 138371(M)), bhala Ekonomu ta’ Monsinjur Archisqof, Amministratur tal-Beni Ekklesjastici Djocesani kollha f’Malta, ghan-nom u fl-interess tal-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi**

**vs**

**Mario Gatt (I.D. 199964(M)), Anthony Gatt (I.D. 282056(M)),**
**Nicholas Gatt, Paul Gatt (I.D. 556159(M)),**
**u Joseph Gatt (I.D. 431151(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici nomine fl-1 ta’ Settembru, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

1. Illi, ghan-numru ta' zmien il-konvenuti jew min minnhom kienu jiddetjenu b'mera tolleranza l-art proprjeta' tal-attrici maghrufa bhala "Ta' Sant' Antnin" li tinsab bejn Triq Ramlija u Triq il-Bandla, s-Siggiewi, tal-kejl ta'cirka elf, mija u tlieta u tletin metri kwadri (1133m2) liema porzjoni ta' art hija bordurata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok. 'A';
2. Illi, l-attrici infurmat lill-esponenti illi hija ma tridx aktar tippermetti lill-konvenuti jiddetjenu l-imsemmija art u li ghandhom jizgombraw mill-imsemmija art u dan kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittri legali tal-14 ta' Awissu 2007 u tad-19 ta' Dicembru 2007 li kopji taghhom qed jigu hawn esbiti u mmarkati Dok. 'B' u 'C'.
3. Illi, minkejja li gew interpellati sabiex jizgombraw mill-imsemmija art, il-konvenuti baqghu inadempjenti;
4. Illi l-attrici taf bil-fatti fuq imsemmija discientia proprja;

Talbet li wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, l-konvenuti ighidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u :

1. Tiddikjara illi, kwalsiasi permess illi l-konvenuti kellhom sabiex jiddetjenu mera tolleranza l-art proprjeta' tal-attrici maghrufa bhala "Ta' Sant'Antnin" li tinsab bejn Triq Ramlija u Triq il-Bandla, s-Siggiewi, tal-kejl ta' cirka elf, mija u tlieta u tletin metri kwadri (1133m2) liema porzjoni ta' art hija bordurata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok. 'A' giet revokata u rtirata mill-attrici u li ghalhekk il-konvenuti qed jokkupaw l-imsemmija art minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;
2. Tordna lill-konvenuti sabiex jizgombraw mill-art proprjeta' tal-attrici maghrufa bhala "Ta' Sant' Antnin" li tinsab bejn Triq Ramlija u Triq il-Bandla, s-Siggiewi, tal-kejl ta' cirka elf, mija u tlieta u tletin metri kwadri (1133m2) liema porzjoni ta' art hija bordurata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok 'A' fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-14 ta' Awissu 2007 u tad-19 ta' Dicembru 2007, kontra l-

konvenuti li  huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda tal-attrici nomine;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet lil Dr Michelle Tabone fis-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2011 tikkonferma bil-gurament illi minkejja l-fatt illi l-konvenuti intalbu jizgumbraw l-art mertu ta’ din il-kawza, dan baqghu m’ghamluhx.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghall-fini tat-tieni talba attrici tordna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw l-art in kwistjoni fi zmien xahrejn millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------